MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 22/K7/2014 |
| Data: | It-Tlieta 30 ta' Settembru 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Maurice Agius |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużat | Is-Sur Matthew Agius |
| | | Is-Sur Emanuel Brincat |
| | | Is-Sur Matthew Mangion |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 24 ta' Settembru, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 21/K7/2014 u 21(2)/K7/2014**
2. **Materji mill-Minuti**
3. **Korrispondenza**
4. **Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet**
5. **Kumitat Amministrattiv tas-Swatar**
6. **Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru**
7. **Proġett Lokalijiet Aktar Ħodor - Update**
8. **Affarijiet oħra jekk urġenti**
9. **Aġġornament**

| **Seduta Numru 22/14** |
|---|

**1050** **Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.**

**1051** **Is-Sur Maurice Agius talab lill-Kunsilliera biex issir minuta silenzju minħabba l-mewt tan-nanna tal-Kunsilliera Romina Galea. Saret minuta silenzju.**

**1** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 21/K7/2014**

**1052** **Inġibdet l-attenzjoni li l-laqgħa saret il-Ġimgħa, u mhux it-Tlieta, 29 ta' Awwissu. Ma kienx hemm korrezzjonijiet aktar u l-minuti ġew approvati.**

**2** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 21(2)/K7/2014**

**1053** **Dawn il-minuti ġew approvati mingħajr ma kien hemm korrezzjonijiet.**

**3** **Materji mill-Minuti - 21/K7/2014**

**1054** **Materja 996 – Is-Sur Selvaggi ġie informat li l-kaxxi tal-parkeġġi li ġew approvati mit-TM fi Triq Sant Andrija, saru. Is-Sur Selvaggi semma li xi ħadd irraporta li hemm li xi hadd qed jiffa xi ġebel fiż-żona. Is-Segretarju qalet li meta għaddiet hi minn hemm, riċentatment, ma kien hemm xejn. Is-Sur Selvaggi saqsa ukoll fuq il-parti tat-triq li ġiet magħluqa b'xi bollards u s-Segretarju nformatu li wara diskussjonijiet li kellha mad-Dipartiment ta' l-Artijiet jidher li din il-**

parti hija art privata. Il-Viċi Sindku qal li jekk din l-art tagħti aċċess lill-sqaq din l-art ma tistax tiġi ostakolata.

1055 Materja 998 – Is-Sur Selvaggi saqsa kemm il-Kunsill għandu bbaġitjat fuq is-servizz tal-Pulizija Pajżana u tal-Local Wardens. Il-Viċi Sindku qal li dawn il-fondi joħorgu minn fondi ġenerali li għandu l-Kunsill. Intqal li Green Wardens mhux dejjem ikun hemm biżżejjed biex ileħħqu mat-talba tal-Kunsill. Is-Segretarju spjegat kif hija qed titlob rapport lir-Reġjun fuq fejn qed ikunu fuq 'patrol' il-Local Wardens u kemm jingħataw ċitazzjonijiet.

1056 Materja 998 – Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li l-PC application fuq iż-żona ta' Ċensu Farrugia ġiet approvata u għalhekk baqa biss l-approvazzjoni tal-PA  Application li kien wieqaf minħabba l-PC application. Is-Sur Selvaggi talab biex jingħata 'timeframe' pero wieħed ma setax jagħti deadline eżatt. Intqal pero' li ma jidirx li hemm kumplikazzjonijiet fuq dan il-permess.

1057 Materja 1002 – Is-Sur Bartolo informa lill-Kunsilliera li saret talba mill-Kunsill biex it-TM jagħmlu korduna ma' fejn qed jagħmlu s-siġar fil-ħamrija fil-bankini biex il-ħamrija ma tinġarx mill-ilma tax-xita. Hu qal li kif ikunu għaddejjin bil-proġett messhom jagħtu t-tarmac fil-parti t'isfel ta' Triq il-Baċir. Is-Sur Selvaggi qal li kien hemm xi kwistjoni fuq xi siġar, u s-Sindku qaltlu li din kienet fil-parti tal-Pieta'. Ġie kkonfermat ukoll li minn quddiem il-Għassa sal-Knisja ser issir Buslane.

1058 Materja 1004 – Ġie kkonfermat li saret laqgħa sas-Supretendent u ntqal li din il-materja ser tiġi diskussa fis-sezzjoni tal-Laqgħat li saru.

1059 Materja 1006 – Ġie kkonfermat li l-ittra ta' ringrazzjament lill-membri tal-Kumitat ta' Mertu Msida huma lesti biex jintbgħatu.

1060 Materja 1007 – Is-Sindku nformat lill-Kunsill li biex issemmi Triq ghal-persuna m'hemmx ghalfejn jghaddu hames (5) snin mill-mewt tal-persuna. Qalet ukoll li t-tibdiliet li gew approvati mill-Kunsill gew approvati mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq u qalet li kien jonqos biss il-firma tal-Ministru u jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Is-Sur Abela-Wadge ssuggerixxa li min ikun diga laħaq biddel il-Karta ta' l-Identita' tintbaghtlu waħda ġdida  bil-posta.

1061 Materja 1010 – Minhabba s-sit li hemm fil-kantuniera ta' Triq il-Wied ma' Triq Santa Venera is-Sindku qalet li tkellmet mal-Perit Vassallo tat-TM u anke batitlu imejl biex jaġġornaħa dwar is-sitwazzjoni iżda għad ma kelliex risposta mingħandu. Hi qalet li nafu t-TM qeghdin f'diskussjonijiet mal-MEPA dwar l-'alignment'. Is-Segretarju informat

**lill-Kunsill li hi kitbet lill-Enforcement tal-MEPA u li saret talba lid-Dipartiment tas-Sanita' biex jintefa l-velenu tal-grieden fis-sit.**

**1062** **Materja 1016 – Is-Sur Bartolo qal li għandha titneħħa l-Eucalyptus minn fejn il-ġibjun u minflokha jitħawlu s-siġar li hemm fil-ġnien ta' quddiem il-Knisja. Dan minħabba li fil-ġnien ser jitħawwlu siġar tar-rand kif propost fil-proġett Lokalitajjiet Aktar Ħodor. Intqal li kien diġa sar qbil mill-Kunsill biex jitneyħħew imma l-ELC kellhom jagħtuna 'feedback' fuq fejn kienu ser jitpoġġew.**

**1063** **Materja 1017 – Is-Segretarju qalet li bagħtet 'draft' ta' l-ittra, li ser tintbghat lir-residenti b'informazzjoni fuq ix-xogħolijiet li qed isiru fl-Imsida Circus, lill-Kunsilliera kollha għall-approvazzjoni tagħhom. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni u sar qbil li l-itrra tintbagħat.**

**1064** **Materja 1018 – Saret diskussjoni fuq il-permessi li ngħataw ħdejn il-Junior College għall-attivita' ta' 'Fresher's Week' u ntqal li kien hemm xi disgwid minnħabba li għaqda li kienu ngħataw 'no objection' mill-Kunsill biex jwaħħlu banner sabu għaqda oħra jwaħħlu banner fejn riedu jwaħħluh huma. Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li rċiviet telefonata mill-Head ta' L-Iskola biex jgħidilha li kull għaqda ngħatat permess biex tarma ġewwa l-iskola wkoll. Is-Sur Bartolo talab lis-Segretarju biex tiċċekkja l-'Bye Law' ta' l-l'Street Furniture' għax qal li din tkopri Banners ukoll. Is-Sna Galea qalet li hi taqbel li dawn l-attivitajjiet isiru ġewwa l-iskola biss għax qalet li jkomplu jikkawzaw problemi ta' parkeġġ fiż-żona. Is-Segretarju qalet li rciviet ukoll talbiet minn kumpanija privata biex tarma 'stand' f'dan iż-żmien pero' l-permess ġie rrifjutat minħabba li mod tgħati spazzju lill-għaqda u mod l-ispazji tal-parkeġġ jingħataw lill-kumpaniji. Il-Viċi Sindku qal li għalhekk kien issuġġerixxa li ssir struttura permanenti li tkun tista tiġi mikrija. Is-Sur Abela Wadge qal li mportanti li tinkera lill-għaqdiet u mhux entitajjiet kummercjali. Is-Sur Bartolo qal li fiż-żona sar ċint tal-bricks u anke xi fjuri biex l-istudenti ma jidħlux iżjed ħdejn is-siġra.**

**1065** **Materja 1020 – Fuq l-AVIS intqal li l-flower pots saru u li l-ġnien qed jirranġawh. Is-Sur Selvaggi qal li din il-kumpanija qed tikkawża inkonvenjent lir-residenti li joqgħodu viċin u li għandha ssir il-laqgħa mar-residenti. Il-Kunsill qabel li terġa ssir laqgha ma' l-AVIS.**

**1066** **Il-Viċi Sindku ħareg mill-laqgħa (6:18)**

**1067** **Materja 1021 – Sar qbil li s-Sur Brincat u s-Sur Selvaggi għandhom jiltaqgħu mas-Sur Bezzina tal-Masquerade.**

**1068** **Materja 1025 – Is-Segretarju informat lill-Kunsill li minn din is-sena ser ikun hemm preżenza ta' Pulizija u anke ta' Gwardjani Lokali ħdejn l-iskola biex jiddereġu t-traffiku. Hi qalet li l-iskop mhux li jinħarġu ċitazzjonijiet imma li l-karozzi jipparkjaw bil-għaqal biex ma jkunx hemm konġestjoni. Is-Segretarju ser tibghat l-imejl li baghat is-Sur Nello Calleja lill-genituri tat-tfal li jattendu s-St Martin's lil-Kunsilliera.**

**1069** **Il-Viċi Sindku daħal fil-laqgħa (6:21)**

**1070** **Il-Viċi Sindku ħareġ mill-laqgħa (6:23)**

**1071** **Materja 1030 – Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li hi u s-Sindku iltaqghu mas-Segretarju tal-Kumitat tas-Sajd minħabba l-kaxxa tad-dawl ta' fuq l-iskall. Intqal li bħalissa għadejjin diskussjonijiet ma' l-entitajjiet biex joħorġu bl-aħjar soluzzjonijiet. Il-Kunsill ġie informat li qabel kien qed jittieħed dawl minn tal-Kunsill u li issa kollox ħa jkun taghħom. Intqal li bħalissa hemm xi ħadd li għandu 'temporary meter' u qed jittieħed id-dawl minnu.**

**1072** **Il-Viċi Sindku daħal fil-laqgħa (6:26)**

**1073** **Is-Segretarju qalet li tkellmet mas-Segretarju tal-Kumitat tas-Sajd fir-rigward tal-arblu tal-Wifi. Hi qalet li l-proposta li għamlet hija stess fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill mhix vijabbli minħabba li hemm wisq tul biex il-wajr joħrog mill-kaxxa ta' l-internet u jingħaqqad mal-wajrs l-oħra li qed jaqsmu t-triq u jerġa lura għal fejn ser isir l-arblu. Sar qbil li l-wajr ser jaqsam Triq ix-Xatt tax-Xbiex, fl-istess għoli tal-wajrs l-oħra li hemm fl-istess triq u jinżel ma' l-arblu, li ser isir wara l-bank u jgħaddi taħt il-grada.**

**4** **Materji mill-Minuti - 21(2)/K7/2014**

**1074** **Materja 1042 – Fuq it-'traffic management' ta' ħdejn il-Junior College intqal li l-Kunsill qed jistena l-aħħar amenda tal-Perit biex terġa tintbgħat lit-TM.**

**1075** **Materja 1044 – Is-Sur Abela Wadge qal li ma sabx iċ-ċans biex jagħmel il-proponiment tiegħu fir-rigward tal-Kompetizzjoni ta' Attivita' Sportiva.**

**1076** **Materja 1046 – Is-Sur Bartolo qal li għadu jrid jitqabbad persuna biex jagħmel ix-xogħol tar-rampa msemmija.**

**1077** **Materja 1047 – Intqal li għadha trid issir il-laqgħa ma' l-għaqda tan-nar. Is-Sur Bartolo qal li l-aħjar li nitolbu l-kuntrattur tad-dawl biex naraw jekk hemmx ħsarat. Qal ukoll li l-kwotazzjoni ta' l-ELC ser**

**tonqos minħabba li is-siġar ma mietux. Is-Sur Bartolo qal li l-Kunsill hemm bżonn jara x'ser jagħmel minħabba li din is-sitwazzjoni tista tiġri kull sena. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill għandu jinsisti li qabel il-Festa jkun hemm kollox kif suppost. Is-Sur Selvaggi issuggerixxa li l-haxix, qabel li jagħtu n-nar jixxarrab kollu.**

**5 Korrespondenza**

**1078 41/1074 – Is-Sur Godfrey Camilleri talab kumpens lill-Kunsill ta' għafsa fil-karozza tiegħu minħabba li qed jgħid li waħda mill-Bins tal-BIS ta' Triq L-Irmiġġ taret bir-riħ u laqtet il-karozza tiegħu. Il-Kunsilliera qablu li is-Sur Camilleri jintalab jipprovdi aktar informazzjoni minħabba li ma kienx hemm rapport tal-pulizija jew avvidavit, u l-anqas stima ta' l-ispejjeż. Il-Viċi Sindku qal li fejn jidher li jkun hemm talbiet ġustifikati l-Kunsill dejjem għen.**

**1079 Is-Sna Galea ħarġet mill-laqgħa (6:35)**

**1080 Is-Sur Selvaggi qal li fi triq J Borg qed isir xi parkeġġ fil-kantuniera u minħabba f'hekk ġieli ma tarax biex toħroġ. Għandhom isiru 'double yellow lines'.**

**1081 Is-Sna Galea daħlet fil-laqgħa (6:40)**

**1082 41/1100 – Tresseqt ittra mill-Imsida St Joseph fejn talbu apoloġija lill-Kunsill ta' li ma ġewx informati b'mod uffiċċjali li kien hemm il-preżentazzjoni tat-trofej tat-Tournament li sar (li fih ippartecipa l-Kunsill). Is-Sur Abela Wadge qal li huwa attenda bħala rappreżentant tal-Klabb tal-Futbol. Intqal li kull min jkun ser jirrappreżenta l-Kunsill f'xi attivita' jew inkella fuq il-mezzi tax-xandir għandu javża lis-Segretarju. Is-Sindku qalet li hi u l-Viċi Sindku ntalbu jkunu parti mill-udjenza tal-programm Reporter li kien jittratta t-traffiku. Kien hemm ukoll programm ta' Salvu Mallia li kien dwar l-Imsida fejn deher is-Sur Lino Bartolo. Intqal li l-Kunsill għandu jitlob kopja tal-programm.**

**1083 41/1110 – Waslet korrespondenza mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie informat li ż-żona ta' ħdejn l-Invicta mhix ser tibqa żona industrijali. Il-MEPA talbu s-suġġerimenti tal-Kunsill fuq kif tista tiġi żvillupata din iz-zona. Il-Kunsill qabel li iż-żona tkun waħda residenzjali ħalli ma jibqgħux jiftħu ħwienet fiż-żona minħabba li diġa hemm diversi stabilimenti li diġa jkunu ta' stress fuq ir-residenti. Il-Viċi Sindku qal li t-tip ta' żvillup residenzjali għandu jkun omoġenju ma' dak li diġa jeżisti. Is-Sur Abela Wadge qal li ma jsibx problema li fis-sular t'isfel ikun hemm xi ħanut. Il-Viċi Sindku qal li wieħed irid jifhem li dan it-tip ta' żvillup jattira aktar nies lejn dawn iż-żoni fil-ħin tal-mistrieħ tar-**

residenti u anke iżid mal-problemi tas-skart. Is-Sur Maurice Agius qal li jaqbel li permessi ġodda ta' ħwienet fiż-żona ma jinħarġux.

1084 41/1177 – Il-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni tal-UIF għal-bankijiet, 'canopies' u r-'roof garden' tal-kamra tal-pompi f' Misraħ San Gużepp ġiet approvata, bil-MEPA tikkonferma €32,000 għal dan it-tisbieħ. Ix-xogħolijiet u l-materjal ser jiġu ordnati.

1085 41/1178 – Il-Kunsill ġie nformat bil-proġett li qed jipproponu l-Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sur Bartolo qal li qara r-rapport kollu u qal li kien magħmul tajjeb ħafna. Intqal li s-Sna Galea kienet qed tiffrekwenta l-laqgħat u tgħin fit-tfassil ta' dan id-dokument. Jekk jiġi aċċettat il-progett isir fil-ġnien il-qadim. Is-Sur Alan Abela Wadge qal li ma kienx jaf li kien għaddej dan ix-xogħol u s-Sna Galea qalet li kienet informatu. Hu talab li d-dekasteru jinqasam f'Żgħażagħ (li tibqa tieħu ħsiebu s-Sna Galea) u Sports (li jkun responsabilita' tiegħu). Is-Sindku ser tikkonsidra dan is-suġġeriment u tieħu deċizjoni.

1086 41/1187 – Il-Kunsill irċieva korrespondenza dwar il-laqgħa tas-Sindki u l-Kunsilliera li ser issir bejn is-17 u t-18 t' Ottubru. Ikkonfermaw l-attendenza tagħhom is-Sur Abela Wadge u Maurice Agius. Kullħadd intalab jikkonferma l-attendenza tiegħu mas-Segretarju mill-aktar fis.

1087 41/1113 – Is-Segretarju resqet talba tal-Bayview Hostel fi Triq l-Universita' biex issir Alighting Bay quddiem dan l-istabiliment. Sar qbil li jekk issir Alighting Bay il-Kunsill għandu jissuġġerixxi li ssir waħda li tkun tista taqdi l-bżonnijiet ta' din il-Hostel u anke ta' l-NSTS. Is-Sur Maurice Agius qal li għandha ssir in-naħa l-oħra tat-triq biex ma tfixkilx garaxxijiet.

1088 Is-Sur Maurice Agius saqsa mistoqsija ġenerali fuq l-informazzjoni li tintbagħat mill-MEPA fuq applikazzjonijiet fiż-żona u ġie informat li dawn qed jarahom is-Sur Brincat. Hu qal li minħabba li hemm biss terminu ta' 20 ġurnata biex tintbagħat oġġezzjoni mportanti li l-Kunsilliera jkunu nformati bl-applikazzjonijiet. Is-Sindku qalet li dawn l-imejls għandhom jibdew jintbagħtu lill-kunsilliera kollha. Is-Sur Maurice Agius kompla jgħid li f' Rue D'Argens qed isiru ħafna applikazzjonijiet ta' 'Change of Use', bħal per eżempju jintalab li ħanut tal-ħwejjeġ isir 'convenience store'. Il-Viċi Sindku qal li suppost kull meta jkun hemm reviżjoni fil-permess titwaħħal karta fil-post biex ikunu jistgħu jsiru l-oġġezzjonijiet. Qal li wieħed għandu joqgħod attent li dawn fil-fatt qed jitwaħħlu.

6 Approvazzjoni tal-Pagamenti

1089 Il-pagamenti ġew approvati. Is-Sur Abela Wadge talab li jingħata informazzjoni fuq l-ftehim li ghandu l-Kunsill mal-GO minhabba li qed jara li l-kontijiet huma għoljin. Is-Sur Maurice Agius talab informazzjoni fuq il-kont ta' l-Earth Electrodes u ġie informat li l-Kunsill ser jibda jżomm kirja lil dawk il-gabbani li jużaw id-dawl ta' l-Enemalta biex jkollhom 'earth' fil-gabbana.

7 Kumitat Amministrattiv Swatar

1090 Is-Segretarju skużat ruhha fuq in-nuqqas ta' preżenza tac-Chairperson tal-KAS minħabba li nsiet tibgħatlu l-invit għal din il-laqgħa.

8 Kommunikazzjoni minn laqgħat li saru

1091 Is-Segretarju informat lill-Kunsill li saru l-intervisti għal Clerk Scale 15 fuq bażi 'back-to-back'. Qalet li wara li l-Kumitat ta' l-Għazla ra fuq 50 applikazzjoni ġew 'shortlisted' 13 biex jattendu inverista. Minn dawn intgħażlu tlieta għat-tieni intervista. Minn dawn it-tlett kandidati waħda biss attendiet l-intervista. Waħda minnhom spjegat li minħabba li kienet ħadet l-iskema ta' l-Air Malta, u l-pożizzjoni offruta hija dik 'back-to-back' ma kienx jaqblilha titlef li s-somma li ħadet. Il-kandidat l-ieħor ma kkonfermax l-attendenza tiegħu u ma ġiex. Saru diversi tentattivi biex jiġi kkuntatjat. Il-kandidata l-oħra, Gemma Cassar, attendiet it-tieni intervista, u intgħażlet hi.

1092 Laqgħa sas-Supretendent Alexandra Mamo: Saret laqgħa nhar is-26 ta' Settembru mas-Supretendent Mamo u il-Maġġur Mario Rotin fuq diversi punti li jiġu diskussi regolarment bejn l-Għassa ta' L-Imsida u l-Kunsill. Il-minuti ta' din il-laqgħa ser jintbagħtu lill-Kunsilliera biex ikunu nformati fuq id-diskussjoni li saret. Is-Sur Maurice Agius semma problemi ta' karozzi abbandunati li hemm f'Rue D'Argens, li wara li titwaħħlilhom in-notifika mill-Kunsill il-karozza titneħħa minn dan il-post u tiġi pparkjata f'toroq ohra. Qal ukoll li hemm xi karozzi li ġew rapportati u ma twaħħlitilhomx notifika. Intqal li qed tinżam reġistru tal-karozzi li qed titwaħħlilhom in-notifika u li għandu jiġi ċċekjat. Il-Viċi Sindku qal li jista jkun li qed iċaqalqu il-karozzi minħabba li nstabet 'loop hole' fil-proċedura. Fuq il-karozzi li għandhom pjanċi barranin il-Viċi Sindku qal li il-Kunsill għandu jinforma t-TM bihom biex jieħdu azzjoni huma. Hu kompla jgħid li jekk il-Pulizija ser jagħtu ċitazzjonijiet waħda tista tinħareġ minħabba li dan huwa reat kontinwu. Is-Sna Galea qalet li hemm Hyundai ħadra (li issa qed tkun mghottija) li għandha l-liċenzja skaduta. Qalet ukoll li fi Triq it-Torri, u hħejn il-ġibjun hemm xi karozzi oħrajn. Il-Viċi Sindku qal li bħala Kunsill jista jitlob li il-karozza tiċċaqlaq biex isir

tindif, jew żebgħa, taħtha. Fuq il-kwistjoni ta' l-immigranti li tqajmet waqt il-laqgħa pubblika f'Awwissu, din il-laqgħa serviet biex issir data għal laqgħa ma' l-immigranti taż-żona. U wara din ser issir oħra mar-residenti. Intqal li mill-laqgħa ta' mal-Ministru żdiedu l-patrols fiż-żona u intqal li l-Pulizija marru l-Eureka Bar u tkellmu fuq l-ilmenti li ġieli jkun hemm. Is-Sur Maurice Agius qal li l-parkeġġ ta' ħdejn l-Eureka xorta għadu problematiku. Il-Viċi Sindku qal li ra xi stabilliment fi Triq Antonio Bosio li qed idum miftuħ 24 siegħa. Qal li l-Kunsill għandu bżonn jinvestiga każijiet bħal dawn u jingħataw spjega, irrelevanti ta' min ikun qed imexxihom. Il-laqgħa ppjanata għas-16 ta' Ottubru u l-Kunsilliera għandhom jiġu nformati b'imejl meta tkun ikkonfermata.

1093 Laqgħa mal-Greenpak – Is-Segretarju spjegat li l-Greenpak lest li jiffinanzja l-ġbir tar-riċiklagg nhar ta' Tlieta, u jħallas id-dawra tal-ġbir tal-hġieġ, darba fix-xahar. Intqal ukoll li ser jħallas 'administration fee' lill-Kunsill ta' €3,000 ewro u li ser jixtri d-domes (BIS) mingħand il-Kunsill għal-prezz ta' 20 ewro kull dome. Is-Sur Selvaggi saqsa lis-Sindku jekk hi taqbilx li titneħħa l-ġurnata tar-riċiklagg nhar ta' Gimgha. Hi qalet li idejalment kienet tinġabar kemm il-borża s-sewda u anke r-riciklaġġ nhar ta' Ġimgha, pero' minħabba finanzi din mhix possibli. Sar qbil li biex ma jinħoloqx tgerfix fis-sistema ir-rotta tal-ġbir tal-borża s-sewda nhar ta' Ġimgha ser issir fil-hin normali tal-ġbir. Il-Viċi Sindku qal li Greenpak qed jahdem ma' 70% tal-Kunsilli Lokali. Qal li bħala volum ta' riċiklagg jibqa l-istess pero' jinġabar f'ġurnata waħda. Il-Kunsill fid-diskussjonijiet tiegħu kien iebes pero' l-Greenpak mhux f'pożizzjoni li joffri aktar minn hekk. Qal li minbarra l-ġbir tar-riċiklagg ser jibda jinġabar il-hġieġ ukoll mid-djar.

1094 Lino Bartolo hareġ mill-laqgħa (7:49).

1095 Intqal li l-Greenpak ser jiffinanzjaw ukoll kampanja edukattiva. Ser iżuru d-djar tar-residenti, iqasmu l-informazzjoni fuq l-iskart u anke jagħmlu xi kompettizzjonijiet. Il-Kunsill talab indikazzjoni tan-numru ta' Staff u t-timeframe li ser li jallokaw għal din il-kampanja. Sar qbil li jekk issir il-bidla din ma ssirx mill-ewwel imma issir gradwalment sa' l-aħħar tas-sena. Is-Sindku kkonfermat li l-ġabra tal-borża s-sewda nhar ta' Ġimgha ser tiġi tiswa lill-Kunsill €360 (inkluż VAT) kull gimgħa. Is-Sur Maurice Agius talab li jkun jaf jekk il-boroż il-hodor tar-riċiklagg hux ser jingħataw lill-Kunsill għat-tul kollu tal-kuntratt.

1096 Is-Sur Bartolo daħal fil-laqgħa (7:55)

**1097** **Intqal li l-Kunsill ghandu jitlob ghal-fondi speċjali biex jiffinanzja din id-dawra. Il-Viċi Sindku qal li għalkemm kull Kunsill għandu il-problemi tiegħu l-bżonnijiet ta' kull Kunsill għandhom jiġu ndividwati. Qal li l-Imsida ġġor il-piż ta' l-Universita, il-Junior College, l-Isptar li minħabba f'hekk ikun hemm influs ta' studenti u ħaddiema, li l-allokazzjoni preżenti, minħabba li mhumiex reġistrati bħal residenti, ma tkoprix.**

**9** **Proġett Lokalitajiet Aktar Ħodor: Update**

**1098** **Il-Kunsill ingħata 'update' ta' x'qed isir fir-rigward tal-proġett Lokalitajjiet Aktar Ħodor. Intqal li qed jsiru xi xogħolijiet fiċ-ċint ta' ħdejn il-bini tal-Kunsill Lokali biex issa jitpoġġew il-qsari hemm. Inħarġu kwotazzjonijiet ta' qsari tal-Plastik, Concrete u Festooned. Fil-każ tal-qsari tal-plastik u tal-Festooned kien hemm persuna waħda biss li tefa offerta. Fil-każ tal-'concrete' pots waħda mill-offerti biss kienet tidħol fil-baġit kopert mill-applikazzjoni u anke mis-sejħa tal-kwotazzjoni. Intqal li ser jibda xi xogħol fuq il-Monument. Ser issir filata oħra bil-ġebel biex togħla l-ħamrija u ssir drip irrigation. Is-Sur Bartolo qal li jista' jkun ser ikollha tintalab estenzjoni minħabba l-proġett li qed isir mit-TM fiż-żona fejn suppost ser jitpoġġew aktar qsari. Qal li ser issir id-'drip irrigation' fit-taraġ it-twil fi Triq il-Kunċizzjoni. Is-Sur Bartolo qal li ser isiru żewġ tankijiet in-naħa ta' fuq tat-taraġ. Is-Sur Maurice Agius qal li messha tinġabar l-ilma tax-xita għal-dan l-iskop pero' intqal li din mhix possibli. Is-Sur Bartolo qal li minħabba li jridu jsiru xi repairs fit-taraġ qed issir diskussjoni mal-MEPA biex il-Kunsill jingħata parir ta' l-aħjar mod li għandu jsir biex ma jinkissrux 'policies' minħabba li din iż-żona hija UCA. Intqal li t-taraġ iz-zgħir ukoll għandu bżonn jiġi rranġat u intqal li jitqabdu l-ħaddiema għal-dan l-iskop. Is-Sur Bartolo qal li ser jipprova jagħmel xi qsari hemm ukoll. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jistenna 'no objection' mit-TM fir-rigward ta' tpoġġija ta' qsari mad-dawra ta' l-iSkate Park. Intqal li l-kwotazzjonijiet biex jiġu ssuplixxata s-siġar taż-żebbuġ, rand u xi 'shrubs' ser jagħlqu fis-7 t'Ottubru.**

**10** **Affarijiet Ohra Jekk Urgenti**

**1099** **Is-Sindku informat lill-Kunsilliera li hi kienet mistiedna biex tattendi serata tat-tqassim taċ-ċertifikati ta' l-IKIDS, organizzat mit-TCTC, fejn il-Kunsill Lokali ta' L-Imsida ingħata rikonoxximent tal-kontribut li jagħti fin-numru ta' korsijiet tal-kompjuter li joffri lir-residenti.**

**1100** **Is-Sindku qalet ukoll li ġie raportat li kien hemm persuna li kiteb kummenti fuq is-sit Facebook fejn intqal li ma sarux CCTV cameras ħdejn il-ġibjun minħabba li l-Kunsill qed jieħu xi 'commission' mingħand il-Kuntrattur ta' l-iskart biex ż-żona tinżam kif inhi. Hija**

informat lill-kunsilliera li l-avukat intalab jibda proċeduri ta' każ ta' libell kontra din il-persuna.

1101 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jindaga x'użu ser issir mill-iskola ta' Mater Dei u li tintalab laqgħa mal-Ministru kkonċernat f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel.

1102 Is-Segretarju resqet talba ta' l-impjegata Sonia Vassallo li talbet li tkun tista tuża mis-Sick Leave tagħha biex, minn l-1 t'Ottubru sakemm twelled, tmur id-dar wara nofs in-nhar minħabba għejja li qed taqbadha wara nofs in-nhar u għalhekk qed tiddejjaq tibqa tard biex issuq lura lejn id-dar. Il-Kunsill iddiskuta t-talba tas-Sna Vassallo u ġie deċiz li tingħata l-opportunita' li taħdem mid-dar wara nofs in-nhar għal matul dan il-perjodu ta' xahrejn. Il-Kunsill ġie informat li hija imbad bil-ħsieb li tieħu l-Maternity Leave taghha, u tixtieq li t-23 ġurnata li għandha leave ta’ din is-sena jinġarru għas-sena d-dieħla biex b’hekk tkun tista iżżid dawn il-ġranet mal-maternity leave. Is-Segretarju spjegat kif is-soltu person ma tkunx tista ġġorr aktar minn nofs il-leave li jkollha, imma li minħabba li jkun hemm raġuni valida l-Kunsill ikun jista japprova t-talba tagħha. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

1103 Is-Sna Galea talbet li ssir tabella STOP fi Triq Censu Farrugia, u ntqal li l-krejn li hemm armat f'nofs it-triq mhux qed iħallas permess. Sar qbil li ser issir laqgħa miegħu. Qalet li hemm problemi fuq vetturi kbar li qed jipparkjaw fit-toroq u li l-Pulizija għandhom jagħmlu aktar infurżar f'din iż-żona.

1104 Is-Sur Selvaggi qal li hemm bżonn isiru rampi fuq il-bankini fiż-żona ta' l-Imsida Circus. Hu ġie informat li sa l-aħħar tas-sena tkun ħarġet it-Tender għal dawn ix-xogħolijiet. Fakkar lill-Kunsill fuq ir-rampa li ġiet approvata biex issir fi Sqaq Casolani.

1105 Is-Sur Selvaggi qal ukoll li fi Triq Reġjonali hemm xi siġar li huma ħerġin mill-fence (fil-propjeta' ta' l-Universita') u ntalab li dawn jinżabru.

1106 Is-Sur Maurice Agius talab li terġa tiġi diskussa l-kwistjoni tar-rampa fi Sqaq Casolani minħabba li hu ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa meta din ġiet approvata. Qal li l-Kunsill m'għandhu joħloq ebda preċedent. Intqal li l-Kunsill irid jistenna sitt xhur biex jibdel deċizjoni. Is-Sur Selvaggi qal li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li ma ssirx ir-rampa hu m'għandu l-ebda problema pero' imbad il-Kunsill m'għandu japprova li ssir ta' ħadd. Il-Viċi Sindku qal li suppost rampa m'għandha ssir imkien imma quddiem garaxx il-bankina għanda tinżel biex karozza ikollha aċċess. Qal li jekk tinbidel il-livell tat-triq il-

**Kunsill ikun irid jassigura li jkun hemm aċċess u qal li dan il-każ huwa wieħed ta' bdil tal-livell tat-triq. Il-Kunsill qabel li jżomm mad-deċiżjoni originali.**

**1107 Is-Sur Maurice Agius ikkummenta fuq il-perjodu ta' sitt xhur li suppost jistenna l-Kunsill biex tinbidel deċiżjoni. Qal li fil-każ tad-depożitu mitlub mill-Klabb tal-Bocci ma' kienx hemm perjodu ta' sitt xhur u d-deċizjoni tal-Kunsill inbidlet. Is-Sindku informatu li l-Klabb tal-Bocci minnflok intalab €500 biex ikopri s-sajf kollu intalab €100 fil-ġimgħa li kienet qeda tibqa tiġġedded jekk ma jkunx hemm 'complaints'. Is-Sur Selvaggi qal li hu ma kellux ilmenti mir-residenti dan is-sajf rigward it-Tombla u qal li jaħseb li d-depożitu mitlub kellu xi effett. Is-Sur Bartolo qal li tajjeb li għamlu l-partitions fis-sajf biex jinġabru s-siġġijiet u l-imwejjed imma li issa jridu jiżżarmaw. Is-Sur Bartolo qal ukoll li importanti issir diskussjoni magħhom fuq il-ħmieġ li qed ikun hemm fiż-żona.**

**11 Aġġornament**

**1108 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-20:33.**

**Approvati llum ____________________**

**Margaret Baldacchino Cefai**
**Sindku**

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**